# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 30 ta' April 2001**

**Avviz. numru 88/95**

**Numru 27**

**Noel Abela**

**vs**

**Kevin Taliana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex dan ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' mija u tmenin lira (Lm180) danni li sofra bhala rizultat tal-kollizjoni li grat Bahar ic-Caghaq fid-9 ta' Mejju, 1994 bejn it-Toyota numru O-7512 misjuqa mill-attur u d-Daihatsu Charade numru C-3860 misjuqa mill-konvenut, liema kollizjoni grat unikament b'tort u htija tal-konvenut li wera traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 1994. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

L-attur qed jesebixxi tlett ircevuti (Dok A u B) in sostenn tat-talba tieghu.

Rat kif ukoll id-dokumenti ossija ircevuti anessi mal-istess avviz (Fol 2 u 3 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 ibid) li biha eccepixxa:

(1) Illi huwa ma huwiex responsabbli ghall-incident riferit fl-avviz, li gara unikament tort tal-attur.

(2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro talba tal-istess konvenut (fol 4 ibid) li biha wara li ippremetta:

(1) Peress li l-kontendenti kienu involuti f'incident stradali li gara f'Bahar ic-Caghaq fid-9 ta' Mejju 1994 liema incident huwa imsemmi fic-citazzjoni, li fiha kienu involuti l-karozza O-7512 misjuqa minn Noel Abela u l-karozza C-3860 misjuqa minn Kevin Taliana.

(2) U peress li ghal dan l-incident huwa unikament responsabbli l-attur Noel Abela.

(3) U peress li f'dan l-incident l-konvenut sofra s-somma ta' Lm86.26 (sitta u tmenin lira maltija u sitta u ghoxrin centezmu).

(4) Jghid l-attur ghaliex ghar-ragunijiet fuq esposti m'ghandux jigi ikkundannat ihallas lill-konvenut s-somma ta' Lm86.26 in linea ta' danni bl-ispejjes kontra l-istess attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-eccezzjoni tal-attur ghall-imsemmija kontro talba li biha eccepixxa li l-kontro-talba rikonvenzjonali hi nulla minhabba l-fatt li ma giex notifikat l-attur izda gie notifikat l-avukat tal-attur (ara fol 7 ibid).

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 1995 li bih gie nominat l-Avukat Dr Joseph Azzopardi sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici u s-sottomissjonijiet tal-konvenut (ara fol 7 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom ir-relazzjoni peritali (fol 36 et seq ibid) kif ukoll dak verbalizzat a fol 52 ibid.

Semghet it-trattazjoni da parti tad-difensur tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi l-espert tekniku nominat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta issottometta (fol 39 tal-atti) li t-tort ta' dan l-incident kellu jigi spartit fuq bazi ta' terz/zewg terzi favur l-attur.

Illi tali sottomissjoni giet bazata fuq il-"modus" tal-kollizzjoni li wasal ghaliha l-istess espert ossija "Jidher li l-attur kien qed jissorpassa fl-istess hin li l-konvenut kien qed jibdel id-direzzjoni meta it-tnejn kienu fil-bidu mexjin fl-istess direzzjoni".

Ikkunsidrat

Illi fil-fatt jidher mis-segwenti provi ossija:

a) l-iskizz u rapport ta' dan l-incident maghmulin minn PS 836 Alexander Taliana (fol 41 u 42 tal-atti);

b) ix-xhieda tal-attur (fol 43 u 44 ibid) u;

c) dik tal-konvenut (fol 47 ibid) b'Jacqueline Grech Mallia (fol 47 ibid) prodotta mill-konvenut, illi l-attur jikkontendi li kien qed jsuq il-vettura

imsemmija fl-avviz fuq il-"lane" ta' barra waqt li quddiemu kien hemm vettura ohra izda fuq il-"lane" ta' gewwa. Hu ra li din il-vettura kienet qed tnaqqas il-velocita' u billi kien hemm triq fuq ix-xellug tal-konvenut, l-attur haseb li kien ser "jikser maghha". Kif l-attur wasal "parallel" mal-vettura tal-konvenut, din, minghajr ebda sinjal, bdiet "tikser ghal go fija" u saret il-kollizjoni. Hu eskluda li l-konvenut kien fil-"lane" ta' barra u b'hekk issorpassah "minn nofs it-triq" in vista li "minn naha l-ohra kienu gejjin ukoll il-karozzi".

Da parti tieghu l-<u>konvenut</u> xehed li kien wieqaf vicin id-"double white line" biex jaqsam (lejn in-naha l-ohra). Hawnhekk l-attur issorpassah fuq barra, liema attur gibed lejh minhabba karozzi gejjin fuq l-istess attur (ara ukoll dak li xehdet l-imsemmija Jacqueline Grech Mallia, l-gharusa tal-konvenut).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dan hu, certament kaz mhux facli sabiex jigi deciz b'mod specjali minhabba il-versjonijiet konfliggenti sottomessi mill-partijiet involuti. Ghalhekk jkun opportun li jigu esaminati zewg fatturi li gew konsiderati abilment mill-espert tekniku:

1. Sewwieq ta‘ vettura li jkun ser jibdel id-direzzjoni tas-sewqan jrid jaghmilha cara li ser jaghmel tali manuvra bis-sinjal opportun oltre li jaccerta ruhu li ma jkunx hemm vetturi gejjin sew minn quddiemu sew minn warajh. A basi ta’ dan il-fattur, certament jidher li l-konvenut kien nieqes milli jiehu tali prekawzjonijiet.

2. Pero sewwieq li jkun qed jissorpassa jrid jaccerta ruhu li tali manuvra ma tkunx ta‘ riskju ghal terzi persuni. Hawnhekk jidher li l-attur kien nieqes, minn dan il-lat, billi fil-fehma tal-Qorti ghamel manuvra tas-sorpass “per se” riskjuza minghajr id-debita kawtela u prudenza.

Illi, a basi tal-premess, il-Qorti tasal sabiex tara li l-partijiet involuti ghandhom jigu konsiderati ugwalment responsabbli ghal dan l-incident u mhux skond kif sottomess mil-abili espert tekniku.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tal-partijiet in parte billi:

a) tiddikjara lill-attur u lilll-konvenut bhala responsabbli nofs kull wiehed ghal dan l-incident;

b) tillikwida l-ammont ta‘ danni dovut globalment, mill-konvenut lill-attur fis-somma ta’ Lm180 u mill-attur lill-konvenut fis-somma ta’ Lm86.26,0;

c) tikkundanna wara li qieset dak kollu premess lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma bilancjali ta’ Lm46.87 bl-imghax legali mid-data tallum stess sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Dicembru 1994, dawn ghandhom jithallsu nofs kull wiehed.

Alan Calleja
Dep.Reg